**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 938/2023**

**Il-Pulizija**
**vs**
**-omissis-**
**Gina sive Georigina Lia**

**Illum 29 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

Ipprezentat taht arrest lil:

Gina sive Georgina Lia ta' sebgha u erbghin (47) sena, imwielda fir-raba' (04) jum ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u sitta u sebgħin (1976) ġewwa l-Pieta', bint Vincent Lia u Angiolina xebba Meilak, residenti ġewwa Block A, Flat 3, Triq Wigi Rosato, Bormla w detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 81476M;

**Akkużata talli;**

1. Nhar it-tmienja (08) ta’ Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta’ bejn is-siegħa ta’ wara nofs n-nhar (13:00Hrs) u s-sagħtejn nieqes kwart ta’ wara nofs n-nhar (13:45Hrs) minn ġewwa Vjal il-Bon Pastur, Balzan ikkommettew serq ta’ oġġetti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta’ Bartolomea Muscat li hija anzjana ta’ 82 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa’ w għoxrin Euro u sebgħa’ w tletin ċenteżmu (€2329.37) u liema serq sar għad-dannu ta’ l-istess Bartolomea Muscat u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
**(Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(c), 276A, 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta).**

2. U aktar talli nhar it-tmienja (08) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta’ bejn id-disgħa u nofs ta’ filgħodu (9:30Hrs) u l-ħdax nieqes kwart ta’ filgħodu (10:45Hrs) minn ġewwa Triq Ġużepp Ciantar, Birkirkara, ikkommettew serq ta’ oġġetti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta’ Mary Doris Muscat li hija anzjana ta’ 73 sena, u liema serq sar għad-dannu ta’ l-istess Mary Doris Muscat u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew entatijiet oħra;
**(Artikoli 261(c)(e), 267, 269(a), 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta).**

3. U aktar talli nhar it-tmienja (08) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta’ bejn nofs-in-nhar (12:00Hrs) u s-siegħa ta’ wara nofs n-nhar (13:00Hrs) minn ġewwa iċ-ċimiterju sitwat ġewwa Triq Valletta, Attard, ikkommettew serq ta’ oġġetti, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-lok u li sar għad-dannu ta’ Owen Bilocca u/jew xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
**(Artikoli 261(c)(e), 267, 269(a), 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta).**

4. U aktar talli nhar is-sebgħa (07) ta’ Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta’ bejn il-ħamsa (17:00Hrs) u l-ħamsa u nofs ta’ wara nofsinhar (17:30Hrs) minn ġewwa Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, ikkommettew serq ta’ oġġetti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta’ Mary Anne Grixti li hija anzjana ta’ 75 sena, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa’ w għoxrin Euro u sebgħa’ w tletin ċenteżmu (€2329.37) kif ukoll bil-ħin u liema serq sar għad-dannu ta’ l-istess Mary Anne Grixti u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

**(Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).**

5. U aktar talli nhar is-sebgħa (07) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30Hrs) u t-tlieta ta' wara nofs n-nar (15:00Hrs) minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' "LIDL" u li huwa sitwat ġewwa Triq Amery, Sliema, ikkommettew serq ta' oġġetti u flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u li sar għad-dannu ta' Sarah Zammit u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
**(Artikoli 261(c), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).**

6. U aktar talli nhar il-ħamsa (05) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2023) għall-ħabta ta bejn is-siegħa u kwart ta' wara nofs n-nhar (13:15Hrs) u s-sagħtejn nieqes kwart ta' wara nofs n-nhar (13:45Hrs) minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' "Images Pub" u li huwa sitwat ġewwa Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, ikkommettew serq ta' oġġetti, u liema serq sar għad-dannu ta' Simone Schembri u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
**(Artikolu 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).**

7. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendew ruħħom reċidivi ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;
**(Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).**

**<u>Lil Gina sive Georgina Lia waħedha nakkużawha ukoll talli:</u>**

8. Nhar it-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' wara nofs n-nhar (13:00Hrs) u s-sagħtejn nieqes kwart ta' wara nofs n-nhar 13:45Hrs) minn ġewwa Vjal il-Bon Pastur, Balzan mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Bartolomea Muscat li hija anzjana ta' 82 sena u liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Steven Attard (Med Reg 8038) mill-isptar Mater Dei;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Għaldaqstant, filwaqt li ġie esebit estratt mill-Att tat-twelid u ġiet esebita l-fedina penali tal-imsemmija Gina Sive Georgina Lia ġie mitlub li dan il-każ jiġi trattat skond il-liġi.

Rat id-dokumenti tal-kawża;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-imputata irreġistrat ammissjoni fis-seduta datata 17 ta' Ottubru 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tagħha u tatha żmien xieraq biex jekk trid, tista' terġa' lura minnha u fil-fatt hija reġgħeta tenniet l-istess ammissjoni tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputata u n-nota konġunta ta' l-Avukat Ġenerali u l-imputata Gina Lia ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie indikat is-segwentik;

*Illi l-esponenti konġuntivament filwaqt li jiddikjaraw illi qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużata Gina Lia għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tagħha, il-piena li għandha tipi nflitta fuqha minn dina l-Onorabbli Qorti għandha tkun ta' seba' (7) snin priġunerija effettiva, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż u/jew konsegwenza oħra mandatorja għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(a)(ċ)(e)(f), 262(1)(a)(2), 267, 269(a), 270, 274(ċ), 276A, 277(a), 279(a), 280, 284, 285, 49 u 50, 214, 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fuq ammissjoni ċara u inekwivoka għall-impujtazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja Gina Lia ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tagħha u tikkundannaha għal seba' (7) snin priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputata ħatja Gina Lia għamlet bħala arrest preventiv.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti jgħaddu għand l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikoli 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**